Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Clayton Camilleri]

vs

Renald Magro

Kumpilazzjoni Numru: 419/21

Illum, 5 ta' Lulju, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Renald Magro detentur tal-karta tal-identita` numru 523879M akkuzat talli:

Nhar is-03 ta' Lulju 2021, ghal habta ta' 16:30, gewwa 34, Fl 2, Triq L-Oratorju, Isla, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Raymond Vassallo f'periklu car,

ikkagunalhu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, ***bi ksur tal-Artikolu 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor Raymond Vassallo, u dan bi ksur ***tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

U aktar tallli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju u dan bi ksur ***tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lil-hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, ai termini ***tal-Artikolu 533 et sequitor tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti giet mitluba sabiex, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmi Raymond Vassallo lil Ryan Vassallo u lil Nikole Vassallo u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tohrog ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 214, 215, 216, 339(1)(e), 338(dd), 533 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni u wara li rat l-Artikoli 216(1)(d), 339(1)(e), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat Renald Magro hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li wkoll timponi digriet taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sena.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet lill-imputat, jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**